MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru. 1337/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**DANIEL LANZON**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Daniel Lanzon, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 567485 (M).

**Akkuzat talli:**

F’Awwissu, 2011 l’hawn, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha ta` haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-deteriment ta` Raya Sellami Zammit detentrici tal-karta tal-Identita` numru 33471 (A), ai terminu ta` l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet f’data jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` is-somma ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-deteriment ta` Raya Sellami Zammit detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 33471 (A), ai termini ta` l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, ai terminu ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 18, 308, 309, 310, 293, 294, 49, 50, 532 (a) (b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta fejn bl-ebda mod ma gew appuntati;

Dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------